

- tordna lill-EUIPO jadotta deċiżjoni ġdida li permezz tagħha jiċħad ir-rikors għal dikjarazzjoni ta' invalidità ppreżentata kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark internazzjonali Nru 1 151 485, anki fir-rigward tal-Klassijiet 11 u 40;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti, fil-każ li l-parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tidher quddiem il-Qorti Ġenerali, għall-ispejjeż rispettivi tagħhom u għal dawk sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 64(2) u (3) b'rabta mal-Artikolu 198 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2020 – Rochem Group vs EUIPO – Rochem Marine (ROCHEM)

(Kawża T-262/20)

(2020/C 222/33)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partiċċiet

Rikorrenti: Rochem Group AG (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentant: K. Guridi Sedlak, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Rochem Marine Srl (Genova, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Trade mark kontenzuża kkonċernata: reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark verbali ROCHEM – Reġistrazzjoni Internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea Nru 1 151 545

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' revoka

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 1546/2019-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tordna lill-EUIPO jadotta deċiżjoni ġdida li permezz tagħha jiċħad ir-rikors għal dikjarazzjoni ta' invalidità ppreżentata kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark internazzjonali Nru 1 151 545, anki fir-rigward tal-Klassijiet 11 u 40;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti, fil-każ li l-parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tidher quddiem il-Qorti Ġenerali, għall-ispejjeż rispettivi tagħhom u għal dawk sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
 - Ksur tal-Artikolu 64(2) u (3) b'rabta mal-Artikolu 198 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2020 – Arbuzov vs il-Kunsill

(Kawża T-267/20)

(2020/C 222/34)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrent: Sergej Arbuzov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentant: M. Mleziva, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ģeneralij jogħġobha:

- tannulla Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/373 tal-5 ta' Marzu 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (¹), u r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/370 tal-5 ta' Marzu 2020 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (²), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw ir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li tbat l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk tar-riktorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-riktorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba
 - Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-riktorrent jargumenta b'mod partikolari li, meta adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/354 tal-4 ta' Marzu 2019 (³), il-Kunsill ma weriex id-diliġenza meħtieġa, peress li, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ma eżaminax id-dikjarazzjonijiet lanqas il-provi prodotti mir-riktorrent, li jimmilitaw favur tiegħu, u li huwa bbaża biss fuq il-preżentazzjoni qasira tal-Prokuratur Ģeneralij tal-Ukrajina u ma talab ebda informazzjoni supplementari dwar l-iżvolġiment tal-investigazzjoni fl-Ukrajina.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt tal-proprietà tar-riktorrent
 - F'dan ir-rigward, ir-riktorrent isostni li r-restrizzjoni jiet li huma adottati kontrih huma sproporzjonati, inutli u jippreġudikaw il-garanziji internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dritt tal-proprietà tar-riktorrent.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-riktorrent li ngħataw lilu mill-Kunvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali